A.L. 129 ta' l-1993

ATT DWAR IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA (KAP. 250)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta, il-Bord, bl-approvazzjoni tal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizz tat-Telefon (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1972 dwar is-Servizz tat-Telefon, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 47 ta' l-1972.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1993, minbarra l-Għaxar Skeda li tinsab fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti li għandha titqies li bdiet isseħħ fis-6 ta' Lulju, 1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara t-tifsira ta' *"Digital Data Network"* fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

""*Direct Dialling Inwards*" jew "*DDI*" tfisser dik il-faċilità li biha estensjonijiet tal-PABX ikunu jistgħu jinqabdu direttament minn persuna fuq *exchange* pubbliku, mingħajr l-intervent ta' *telephone operator*, u tinkludi servizzi konnessi mas-sistema;".

Iżid ir-regolament 47A ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Ħlasijiet għal ċertu servizzi u faċilitajiet speċifiċi.

47A. (1) Il-ħlasijiet li għandhom isiru dwar Servizzi *Bureaufax* provduti mill-Korporazzjoni Telemalta għandhom ikunu dawk speċifikati fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-ħlastijiet li għandhom isiru dwar *Packet Switching Operations* għandhom ikunu dawk speċifikati fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-ħlasijiet li għandhomn isiru dwar Servizzi bid-*Digital Data Network* għandhom ikunu dawk speċifikati fid-Disa' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(4) Il-ħlasijiet li għandhom isiru dwar il-Faċilità ta' *Direct Dialling Inwards (DDI)* għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Għaxar Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

4. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu 1 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

	Lm c m
"1. Għal kull linja ta' *exchange*:	
(a) Rata Kummerċjali	52.00,0
(b) Rata Domestika	24.00,0"; u

(b) minnufih wara l-paragrafu (h) tal-partita 21 tagħha, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

	Lm c m
"(i) Għal kull *Text Telephone:*	
A. installat fil-fond ta' persuna inkapaċitata	12.00,0
B. installat fil-fond ta' qraba ta' persuna inkapaċitata	36.00,0
Ċ. installat fil-fond ta' Dipartiment tal-Gvern jew korp magħqud:	
(i) set bażiku	60.00,0
(ii) set bażiku u *printer*	96.00,0".

Jissostitwixxi r-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-Raba' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"IR-RABA' SKEDA

Drittijiet għal Telefonati

Telefonati	*Ħlas*
1. Minn *call office* jew telefon pubbliku li jkollu kaxxa tal-flus jew tagħmir tal-*card-phone:*	
(a) Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:	
— mis-6 a.m. sat-8 a.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mit-8 a.m. sas-6 p.m.	5c kull 5 minuti jew parti minnhom
— mis-6 p.m. sad-9 p.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mid-9 p.m. sas-6 a.m.	5c kull telefonata
(b) Sibtijiet u Ħdud:	
— mis-6 a.m. sad-9 p.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mid-9 p.m. sas-6 a.m.	5c kull telefonata
2. Minn telefon ta' abbonat li jkollu kaxxa tal-flus (bl-għoti lura lill-abbonat ta' 5m għal kull *pulse*:	
(a) Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:	
— mis-6 a.m. sat-8 a.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mit-8 a.m. sas-6 p.m.	5c kull 5 minuti jew parti minnhom
— mis-6 p.m. sad-9 p.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom

Telefonati	*Ħlas*
— mid-9 p.m. sas-6 a.m.	5c kull telefonata
(b) Sibtijiet u Ħdud:	
— mis-6 a.m. sad-9 p.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mid-9 p.m. sas-6 a.m.	5c kull telefonata
3. Minn linja tat-telefon li jkollha arloġġ tat-telefonati fl-*exchange* iżda li ma jkollhiex kaxxa tal-flus:	
(a) fil-każ ta' linja ta' *exchange* li għaliha titħallas ir-rata domestika ta' kiri, għall-ewwel 150 *pulse* kull tliet xhur	Ebda ħlas
(b) (i) fil-każ ta' linja ta' *exchange* li għaliha titħallas ir-rata kummerċjali ta' kiri, u	
(ii) meta jinqabżu l-*pulses* bla ħlas permessi taħt il-paragrafu (a) imsemmi qabel fil-każ ta' linja ta' *exchange* li għaliha titħallas ir-rata domestika ta' kiri:	
(a) Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:	
— mis-6 a.m. sat-8 a.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mit-8 a.m. sas-6 p.m.	5c kull 5 minuti jew parti minnhom
— mis-6 p.m. sad-9 p.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mid-9 p.m. sas-6 a.m.	5c kull telefonata

Telefonati	*Ħlas*
(b) Sibtijiet u Ħdud:	
— mis-6 a.m. sad-9 p.m.	5c kull 10 minuti jew parti minnhom
— mid-9 p.m. sas-6 a.m.	5c kull telefonata
4. Telefonati għal bastimenti fil-port li ma jkollhomx aċċess għas-servizz tat-telefon awtomatiku ma' barra minn Malta	Ebda ħlas
5. Telefonati li joriġinaw minn *network* tat-telefon lokali lejn is-sistema mobbli ċellulari	20c kull minuta".

6. Minnufih wara d-Disa' Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-Iskeda ġdida li ġejja:

Iżid l-Għaxar Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

"L-GĦAXAR SKEDA

Ħlasijiet għall-Faċilità ta' *Direct Dialling Inwards*

	Lm c m
1. Ħlas għal Konnessjoni	
(a) Konnessjoni tal-linja:	
Għal kull linja DDI installata fil-fond ta' l-abbonat	40.00,0
(b) Konnessjoni ma' l-*Exchange*:	
Għal kull linja DDI konnessa mat-tagħmir ta' l-*interface* fl-*Exchange*	25.00,0
Iżda l-inqas ħlas għal konnessjoni ma' l-*Exchange* għandu f'kull każ ikun ta' Lm100, ukoll jekk l-għadd ta' linji *DDI* li jsir użu minnhom fl-*Exchange* ikun inqas minn erbgħa.	
2. Ħlas ta' Kera (fis-sena)	
(a) Għal kull skema diġitali 4 + 4, għal kull linja ta' *exchange* diretta provduta bil-faċilità *DDI*	100.00,0

(b) Għal kull skema diġitali 5 + 3, għal kull linja ta' *exchange* diretta provduta bil-faċilità *DDI* 80.00,0

Għall-finijiet ta' dak imsemmi qabel, riferenza għal skema diġitali 'x + y' tindika li l-għadd ta' ċifri li jagħmlu l-aċċess possibbli għall-PABX ta' l-abbonat ikun ta' 'x', fil-waqt li l-għadd ta' ċifri li jagħmlu l-aċċess possibbli għall-estensjoni meħtieġa permezz tal-PABX ta' l-abbonat ikun ta' 'y'.".